MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1016/2008/1

**Mediterranean Flower Products Limited [C-2197]**

**v.**

**Flower Power (Sales) Limited; l-Avukat Dottor Andrew Borġ Cardona bħala Amministratur Provviżorju tal-istess soċjeta' Flower Power (Sales) Limited; u Jason Sammut, Maria Sammut u Dr. Richard Sladden u P.L. Doreen Aquilina, Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nathalie Sammut, ilkoll (salv għal Maria Sammut) bħala eredi tal-mejjet George Sammut; u b'Nota tal-10 ta' Novembru, 2008, Jason Sammut assuma l-atti tal-kawża f'isem oħtu assenti Nathalie Sammut minflok il-Kuraturi Deputati**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` Mediterranean Flower Products Ltd. fit-8 ta' Ottubru, 2008, li jaqra hekk:

"<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>

"1. Illi ai termini tal-Klawsola Numru 3 tal-iSkrittura Privata datata 6 ta' Novembru 2002, li kopja tghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A,** konkluza, *inter alia* bejn is-socjeta` esponenti u George Sammut, illum mejjet, f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Flower Power (Sales) Limited, l-imsemmija socjeta` intimata Flower Power (Sales) Limited obbligat ruhha illi thallas lis-socjeta` esponenti s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbghin Euro (€18,640), fis-sena, pagabbli f'pagamenti mensili, kull l-ahhar tax-xahar, ta' elf hames mija u tlieta u hamsin Euro (€1,553) kull wiehed;

"2. Illi permezz tal-imsemmija Skrittura Privata, l-imsemmi George Sammut kien iggarantixxa personalment u in solidum mal-imsemmija socjeta` intimata, l-obbligi kollha minnha assunti versu s-socjeta` esponenti, inkluz ghalhekk l-obbligu tal-hlasijiet dovuti in virtu` tal-klawsola Numru 3 fuq imsemmija;

"3. Illi konsegwentement, l-intimati Jason u Nathalie ahwa Sammut, ulied l-istess George Sammut illum mejjet, u l-armla tieghu Maria Sammut gia` kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejnha u zewgha, li huma l-eredi tal-imsemmi George Sammut, illum huma lkoll garanti in solidum tal-obbligi kollha tas-socjeta` intimata Flower Power (Sales) Limited;

"<u>**Ir-Raguni tat-Talba**</u>

"4. Illi minkejja illi s-socjeta` intimata kienet qieghda teffettwa b'mod regolari l-pagamenti dovuti skond il-Klawsola Numru 3 tal-iSkrittura Privata, hija naqqset milli tkompli thallas is-somma mensili minnha dovuta, b'dan illi

s-somma totali minnha dovuta in linea ta’ arretrati tal-hlasijiet imsemmija, sat-30 ta’ Setttembru 2008, hija ta’ sebgha u hamsin elf mija erbgha u tmenin Euro (€57,184), inkluz imghaxijiet dekorsi sat-30 ta’ Gunjuu 2008, skond prospett hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B.

“5. Illi l-intimati jirrikonoxxu l-obbligu taghhom u d-debitu relattiv kif jirrizulta mir-Risposta taghhom fl-atti tar-Rikors Numru 953/04/RCP fl-ismijiet L-Avukat Henri Mmizzi noe – v. – Flower Power (Sales) Limited, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. E;

“6. Illi minkejja illi gew interpellati biex ihallsu l-bilanc dovut u l-imghax skadut sat-30 ta’ Gunju 2008, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Lulju 2008 lilhom debitament notifikata, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C, l-intimati naqsu milli jhallsu s-somma minnhom dovuta;

“7. Illi permezz ta’ Digriet moghti fl-4 ta’ Jannar 2005, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Avv. Henri Mizzi noe v. Flower Power (Sales) Limited (Rikors Numru 953/04/RCP), prezentement pendenti, hatret lill-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona bhala amministratur provvizorju tas-socjeta` intimata.

“8. Illi permezz ta’ Digriet moghti fl-1 ta’ Settembru 2008 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, gew nominati l-Avukat Richard Sladden u l-P.L. Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti intimata Nathalie Sammut fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta’ Lulju 2008 u fl-atti kollha sussegwenti;

“9. Illi l-ammont dovut ta’ sebgha u hamsin elf mija erbgha u tmenin Euro (€57,184) huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x;jissollevaw kontra t-talba u l-pagament tal-istess dejn;

“10. Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh

tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

"11. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.

"**<u>It-Talbiet</u>**

"Jghidu l-intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

"1. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebgha u hamsin elf mija erbgha u tmenin Euro (€57,184), rapprezentanti arretrati ta' hlasijiet dovuti sat-30 ta' Settembru 2008 inkluz imghaxijiet dekorsi sat-30 ta' Gunju 2008, kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta'

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju 2008 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u l-imghaxijiet legali ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2008, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Maria Sammut (fol. 30) li in forza taghha eccepiet:
"1. Illi preliminarjament, l-esponenti m'hijiex eredi ta' George Sammut li miet fl-1 ta' Ottubru 2003, kif jidher mir-ricerki testamentarji li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u ghaldaqstant, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti;

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija rikorrenti ghandha tressaq prova illi hija aderiet ruhha mar-rekwiziti tal-Artikolu 224(2) Tal-Kap. 386 u, fin-nuqqas, il-kawza ghandha tigi dikjarata nulla:

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz m'huwiex dovut u t-talbiet tar-rikorrenti

ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpanija rikorrenti stante:

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma kenitx parti ghall-iskrittura tas-6 ta’ Novembru 2002 u l-iffirmar ta’ tali skrittura da parti ta’ zewgha l-mejjet George Sammut sar minghajr il-kunsens taghha nonostante li l-obbligi assunti minnu, inkluzi l-obbligu assunt f’Artikolu 3 tal-iskrittura, jirrapprezentaw atti ta’ amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti existenti dak iz-zmien bejnu u bejn l-esponenti; ghaldaqstant, tali skrittura u specifikatament, l-Artikolu 3 tal-iskrittura m’humiex validi fil-konfront taghha u l-esponenti tirrizerva d-drittijiet kollha taghha f’dan ir-rigward.

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija rikorrenti ghandha tressaq prova u tispjega ezattament fhiex kienu jikkonsistu dawk l-obbligi findanzjarji msemmija f’Artikolu 3 tal-iskrittura, u l-esponenti tirrizerva l-pozizzjoni taghha dwar dan; oltre dan, l-obbligu assunt f’Artikolu 3 jikkonsisti fi hlas ta’ somma indeterminata, u dan billi m’huwiex specifikat ghal liema perjodu ta’ zmien huwa dovut il-pagament mensili;

“5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m;hijiex garanti in solidum flimkien mal-kumpanija Flower Power (Sales) Limited, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f’kaz illii jigi dikjarat illi l-esponenti hija garanti in solidum mal-kumpanija Flower Power (Sales) Limited, kwalunkwe garanzija talvolta moghtija da parti ta’ zewgha l-mejjet George Sammut tiskatta biss f’kaz illi l-kumpanija Flower Power (Sales) Limited tonqos milli thallas dawk l-ammonti talvolta dovuti minnha u mhux qabel; ghalhekk, semai l-azzjoni hija intempestiva;

“7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess

socjeta` rikorrenti, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Bl-ispejjez.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat ir-risposta guramentata ta’ Nathalie Sammut (fol. 40) li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi in linea preliminarja tezisti n-nullita` tal-proceduri odjerni stante li s-socjeta` rikorrenti ghandha amministratur provvizorjuu nominat ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema awtorizazzjoni m’hijiex ezebita fost id-dokumenti pprezentati mis-socjeta` rikorrenti;

“2. Illi in linea preliminarja wkoll l-eccipjenti m’hijiex garanti *in solidum* mas-socjeta` intimata izda hija biss garanti ai termini tal-Artikolu 1925 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentament kwalsiasi azzjoni intavolata mis-socjeta` attrici a bazi ta’ tali garanzija trid tirrispetta r-rekwiziti stabbiliti mill-Artikolu 1934 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, f’kaz li l-intimata tigi ddikjarata bhala garanti in solidum mas-socjeta` intimata Flower Power Sales Limited, ghandha tapplika l-kondizzjoni espressa fil-klawsola numru tmienja (8) tal-ftehim datat 6 ta’ Novembru 2002;

“4. Illi l-ammont dovut permezz tal-Artikolu 3 tal-ftehim datat 6 ta’ Novembru 2002 m’ghadux dovut stante li l-kondizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 10 tal-istess ftehim m’ghadhomx fis-sehh;

“5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

“6. Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.”

Rat ir-risposta guramentata ta’ Flower Power (Sales) Ltd. (fol. 44) li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi in linea preliminari, tezisti n-nullita` tal-proceduri odjerni stante li s-socjeta` rikorrenti ghandha

amministratur provizorju nominat *ai termini* tal-Artikolu 228 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwnetament atti gudizzjarji f'isem is-socjeta` rikorrenti jirrikjedu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, liema awtorizzazzjoni m;hijiex ezebita fost id-dokumenti pprezentati mis-socjeta` rikorrenti;

"2. Illi in preliminari wkoll ir-rikors promotur ghandu jigi ddikjarat bhala irritu u null, stante li s-socjeta` intimata ghandha amministratur provizorju *ai termini* tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentament atti gudizzjarji kontra s-socjeta` intimata jirrikjedu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti skond is-surreferit Artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, liema awtorizzazzjoni m;hijiex ezebita fost id-dokumenti pprezentati mis-socjeta` intimata;

"3. Illi l-ammont dovut permezz tal-Artikolu 3 tal-ftehim datat 6 ta' Novembru 2002 m'ghadux dovut *stante* li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 10 tal-istess ftehim m'ghadhomx fis-sehh;

"4. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta guramentata ta' Jason Sammut (fol. 47) li in forza taghha eccipixxa:
"1. Illi, in linea preliminari, ir-rikors promotur ghandu jigi ddikjarat bhala irritu u null, ghar-raguni illi s-socjeta` rikorrenti ma ottemperatx ruhha ma' dak li hu mitlub fl-Artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpanniji, tal-Kap. 386, tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi in linea preliminari ukoll, l-eccipjent m'huwiex garanti *in solidum* mas-socjeta` intimata izda huwa biss garanti *ai termini* tal-Artikolu 1925 *et seq* tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament kwalsiasi azzjoni intavolata mis-socjeta` rikorrenti a bazi ta' tali garanzija

trid tirrispetta r-rekwiziti stabbiliti mill-artikolu 1934 tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, f'kaz li l-intimat jigi ddikjarat bhala garanti *in solidum* mas-socjeta` intimata Flower Power (Sales) Limited, ghandha tapplika l-kondizzjoni espressa fil-klawsola numru tmienja (8) tal-fehim datat 6 ta' Novembru 2002;

“4. Illi l-ammont dovut permezz tal-Artikolu 3 tal-ftehim datat 6 ta' Novembru 2002 m'ghadux dovut *stante* li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 10 tal-istess ftehim m'ghadhomx fis-sehh;

“5. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Gunju, 2009 (fol. 87), li in forza taghha dderimiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kumpanija Flower Power (Sales) Ltd, ta' Jason Sammut u ta' Nathalie Sammut billi cahdet l-istess, bl-ispejjez kontra l-istess imharrkin;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija kawża għal kundanna għall-ħlas ta' arretrati ta' rati dovuti dwar ħlas ta' kreditu miftiehem f'kitba. MFP tgħid li FPS naqset li tħallasha fiż-żmien u r-rati miftehma f'kitba li saret bejniethom f'Novembru tal-2002, l-pagamenti li kienu dovuti lilha;

“Illi tlieta mill-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi qanqlu l-kwestjoni tas-siwi tal-att li bih infetħet il-kawża. Din l-eċċezzjoni preliminari – li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza – trid li r-Rikors Maħluf ta' MFP ma jgħoddx għaliex ma tħarsux ir-rekwiżiti mitluba fl-artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li fis-6 ta' Novembru, 2002[1], saret il-kitba mertu tal-kawża. Fuq din il-kitba dehru MFP, FPS, kumpanija oħra bl-isem ta' Flower Power Limited (m'hijiex parti f'din il-kawża), Nicholas Sammut u ħuh George Sammut (illum mejjet). L-għan tal-kitba kien li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn dawk li dehru fuq l-istess kitba. George Sammut u ibnu Nicholas kienu l-azzjonisti ta' FPS u Flower Power Limited, b'din tal-aħħar tkun waħda mill-azzjonisti fil-kumpanija attriċi MFP. Mad-daqqa t'għajn, jidher li l-kitba ffirmawha biss George Sammut u ħuh Nicholas Sammut, u dan kemm għal MFP, kemm għal FPS u Flower Power Limited, u naturalment ukoll, f'isimhom personalment bħala komparenti[2];

"Illi fi klawsola 3 tal-kitba, FPS għarfet li minħabba fi ftehim (ieħor) li kien intlaħaq bejn il-partijiet dwar xi obbligi finanzjarji tagħhom, hija kienet qiegħda tintrabat li tħallas lil MFP s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8,000)[3] fis-sena, li kellhom jitħallsu fi tnax-il (12) rata ndaqs fi tmiem kull xahar fis-somma ta' sitt mija u sebgħa u sittin lira Maltija (Lm 667)[4] kull waħda;

"Illi dak inhar[5] ukoll saret kitba oħra ('il quddiem imsejħa "t-tieni kitba") bejn MFP u Flower Power Pty Limited (kumpanija reġistrata fl-Awstralja), li biha din tal-aħħar intrabtet li tislef lil MFP tletin elf lira Maltin (Lm 30,000)[6] fis-sena biex tintuża ħalli taqta' dejn li MFP kellha ma' bank kummerċjali f'Malta minħabba faċilita' bankarja lilha mogħtija mill-istess bank. Din il-kitba wkoll iffirmawha biss George Sammut u ħuh Nicholas għaż-żewġ partijiet komparenti;

"Illi l-ħlasijiet dwar il-kitba bdew isiru regolarment b'seħħ mis-27 ta' Novembru, 2002, u baqgħu għaddejjin sa Ottubru tal-2005[7]. F'Diċembru tal-2004[8], Nicholas

[1] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 11 tal-proċess
[2] Ara paġ. 10 tal-proċess
[3] Li jġibu € 18,635 fi flus tal-lum
[4] Li jġibu € 1,553.70 fi flus tal-lum
[5] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[6] Li jġibu € 69,881 fi flus tal-lum
[7] Dok "B", f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[8] Dok "RM1", f'paġġ. 65 sa 77 tal-proċess

Sammut fetaħ proċedura[9] biex jitlob li FPS titqiegħed fi proċess ta' stralċ għall-finijiet tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-4 ta' Jannar, 2005, il-Qorti ħatret lill-Avukat Andrew Borġ Cardona bħala amministratur proviżorju ta' FPS;

"Illi George Sammut miet intestat fl-1 ta' Ottubru, 2003[10]. B'degriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' Ġunju, 2005[11], il-wirt tiegħu nfetaħ favur uliedu, l-imħarrkin Jason u Nathalie aħwa Sammut;

"Illi f'Lulju tal-2008[12], MFP interpellat uffiċjalment lill-imħarrkin biex iħallsuha l-arretrati fuq l-imsemmija somma, u f'Ottubru tal-2008, infetħet din il-kawża. Fil-5 ta' Diċembru, 2008[13], MFP ressqet rikors fl-atti tal-proċess għall-istralċ ta' FPS, biex titlob li tkun awtorizzata għall-finijiet tal-artikolu 224(2) tal-Kap 386 biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża. It-talba ntlaqgħet b'degriet mogħti fis-7 ta' April, 2009[14];

"Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni taħt eżami, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali jirrigwardaw il-kwestjoni tas-siwi tal-azzjoni nnifisha. Din m'hijiex kwestjoni dwar nuqqas formali fit-tfassila tar-Rikors Maħluf, imma waħda li ddur madwar ċirkostanza partikolari għall-kumpanija attriċi;

"Illi l-imħarrkin Maria Sammut, Nathalie Sammut, Flower Power (Sales) Limited u Jason Sammut ilkoll qanqlu l-kwestjoni li l-azzjoni ta' MFP ma tiswiex għaliex ma ntweriex li tħares dak li jitlob l-artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Mhux hekk biss, imma jidher ukoll mill-istess eċċezzjoni ta' Nathalie Sammut li MFP wkoll tinsab fi proċess ta' stralċ. Dwar dan l-aħħar punt, issemma li l-persuna maħtura mill-Qorti bħala amministratur provviżorju għal MFP hija l-istess persuna maħtura bħala amministratur provviżorju għal FPS (u li, f'din il-kawża,

---

[9] Rik. Nru. 953/04RCP
[10] Dok "A", f'paġ. 33 tal-proċess
[11] Dok "GS4", f'paġġ. 36 – 8 tal-proċess
[12] Dok "Ċ", f'paġġ. 14 – 8 tal-proċess
[13] Dok "RM3", f'paġġ. 82 – 3 tal-proċess
[14] *Ibid.* f'paġ. 84 tal-proċess

baqgħet ma ressqet l-ebda Tweġiba Maħlufa għall-azzjoni mibdija minn MFP) u dan jista' joħloq xi problemi meta wieħed iqis li, fil-qofol, il-kwestjoni ewlenija f'din il-kawża hija sewwasew bejn MFP u FPS;

"Illi l-artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li: "*Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228 ta' dan l-Att,ma tista' tittieħed ebda azzjonijew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija jew il-proprjeta' tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kundizzjonijiet li tista' timponi l-qorti*";

"Illi d-difensuri tal-imħarrkin li qanqlu din l-eċċezzjoni jisħqu li l-kumpanija attriċi (MFP) ma setgħetx tibda din il-kawża qabel ma tikseb il-permess jew l-awtorizżazzjoni tal-qorti. Huma jgħidu li mhux biss tali permess huwa meħtieġ biex il-likwidatur jew l-amministratur provviżorju maħtur ikun jista' jsegwi x'qed jiġri lill-kumpanija, imma għaliex tali awtorizżazzjoni tikkostitwixxi partikolarita' essenzjali tas-siwi tal-kawża li ssir espressament meħtieġa mil-liġi[15];

"Illi l-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-għaref difensur ta' MFP meta argumentat li l-imsemmi artikolu 224(2) jirreferi għal kawżi jew azzjonijiet ġudizzjarji li jittieħdu **kontra** kumpanija li tkun tqiegħdet fi proċedura ta' stralċ, imma ma jgħoddx għall-każ fejn l-azzjoni tinbeda **minn** kumpanija li tkun f'dak l-istat. Il-kliem tal-liġi jidher li jagħmilha ħaġa ċara li huwa maħsub biex iħares lil kumpanija li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ (ukoll jekk qabel ma jingħata l-ordni ta' stralċ) milli jinfetħu kontriha kawżi jew jittieħdu kontriha proċeduri b'qorti. Fi kliem ieħor, din il-Qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 224(2) tal-Kap 386 jolqtu kwestjoni ta' leġittimazzjoni passiva ta' parti f'kawża u mhux ukoll il-jedd ta' kumpanija – imqar jekk tkun hija wkoll taħt proċedura ta' stralċ – milli tmexxi 'l quddiem kawża hija wkoll kontra ħaddieħor. Li kieku l-leġislatur ried li l-projbizzjoni li tinbeda kawża jew proċedura ġudizzjarja

[15] Art. 789(1)(d) tal-Kap 12

fejn hemm involuta kumpanija fi proċess ta' stralċ qabel ma tinkiseb l-awtorizżazzjoni tal-Qorti tkun tgħodd ukoll għal kumpanija li trid tibda kawża hi, kien faċli għalih li jindika dan. Il-leġislatur tagħna, għall-kuntrarju, jidher li għażel li dik l-awtorizżazzjoni trid tinkiseb biss fil-każ fejn il-kumpanija mħarrka tkun fi proċess ta' stralċ[16];

"Illi l-Qorti tifhem li din it-tifsira hija tajba u xierqa għaliex huwa magħruf li "*The appointment of an administrative receiver*[17] *does not have any effect on the company as a separate legal personality; it remains in existence and it does not cease to exist or incur liability as a result of the appointment*. ..."[18]. Iż-żamma ta' personalita' ġuridika, sakemm ma titneħħiex b'xi mod maħsub mil-liġi, tagħti lil kull kumpanija l-jedd, l-għarfien u s-setgħa li tibda u twettaq kawżi f'qorti tal-ġustizzja[19];

"Illi, minbarra dan, ladarba l-eċċezzjoni mistħarrġa b'din is-sentenza hija waħda li titkellem dwar in-nuqqas ta' siwi (jew nullita') tal-kawża mibdija minn MFP, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn li ma jwessax it-tifsira tal-liġi b'mod li ġġib ma jiswiex dak li l-liġi nnifisha ma tqisx bla siwi. Dan jingħad għaliex kull nullita' eċċepita dwar att ġudizzjarju trid titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li, safejn huwa possibbli, wieħed isalva att (jew l-azzjoni mibdija bis-saħħa tiegħu) iżjed malajr mili wieħed iwaqqgħu;"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Natalie Sammut tat-30 ta' Gunju 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha:
"tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, fl-10 ta' Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u minflok joghgobha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellanta konvenuta u dan taht dawk il-

---

[16] P.A. LFS **10.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Edward Gatt noe vs TRM Limited (Malta)***
[17] Li hija t-terminu wżat fid-Dritt Ingliż dwar il-Kumpanniji biex jirreferi għall-kariga tal-Amministratur Provviżorju maħsuba taħt il-Liġi Maltija
[18] Bailey, Groves & Smith *Corporate Insolvency: Law and Practice* (2nd. Ed t, 2001), § 5.53, f'paġ. 228 (ara wkoll §§ 20.3 u 20.4 , f'paġġ. 647 – 8 għad-distinzjoni bejn il-leġittimazzjoni attiva u passiva ta' kumpanija f'qagħda bħal din)
[19] Ara ***Foss vs Harbottle*** (**1843**) 2 Hare 461; Farrar & Hannigan *Farrar's Company Law* (4th. Edit, 1998), paġ. 367; u Muscat *Principles of Maltese Company Law* (MUP, 2007), § 8.1, paġġ. 216 – 221

provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dan bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti appellati."

Rat ukoll ir-rikors tal-appell ta' Flower Power (Sales) Ltd. tat-30 ta' Gunju 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha:
"tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, fl-10 ta' Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u minflok joghgobha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dan bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti appellati."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Sammut tal-1 ta' Lulju 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha:
"tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, fl-10 ta' Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u minflok joghgobha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellant konvenut u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun u dan bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti appellata."

Rat it-tlett risposti mressqa mis-socjeta` Mediterranean Flower Products Ltd. ghar-rikorsi tal-appell fuq imsemmija li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi l-appelli ghandhom jigu michuda u s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti konfermata in toto, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza, is-socjeta` attrici qed titlob li tigi mhallsa s-somma ta' €57,184, bilanc dovut fuq skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu iffirmata fis-6 ta' Novembru, 2002.

It-tlett appellanti eccepew in linea preliminari n-nullita` tal-proceduri peress illi s-socjeta` attrici tinsab fi stadju ta' stralc u gie mahtur ghaliha amministratur provvizorju u konsegwentement atti gudizzjarji f'isimha kienu jirrikjedu l-awtorizazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti trattat din l-ewwel eccezzjoni preliminari u cahditha wara li osservat li l-Artikolu invokat ma japplikax ghal meta kumpanija fi stralc tibda hi proceduri ghal gbir tal-krediti taghha.

Wara li akkwistaw id-debita awtorizazzjoni (ara fol. 96 tal-atti), it-tlett appellanti appellaw minn din id-decizjoni bl-aggravju jiccentra fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 224(2) imsemmi u fuq ir-rwol ta' amministratur.

Din il-Qorti trid ticcara li, f'dan l-istadju, trid tistharreg <u>biss</u> l-ilmenti marbuta mal-<u>ewwel</u> eccezzjoni preliminari, avolja l-appellanti ressqu wkoll argumenti fil-kuntest tat-<u>tieni</u> eccezzjoni preliminari li ma gietx diskussa u deciza mill-ewwel Qorti. It-tieni eccezzjoni preliminari tolqot ukoll il-validita` tal-kawza, ghax biha qed tigi eccepita n-nullita` tal-kawza peress li l-istess saret <u>kontra</u> kumpanija li wkoll tinsab fi stralc u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Kif inghad, din it-tieni eccezzjoni ghadha ma gietx deciza mill-ewwel Qorti, li ddecidiet biss li azzjoni <u>minn</u> socjeta` fi stralc ghal gbir tal-krediti taghha ma tirrikjedix l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

L-Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji jinsab riprodott fis-sentenza tal-ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-artikolu hu car bizzejjed meta jiddisponni li "ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri <u>kontra</u> l-kumpanija" li tkun fi stadju ta' stralc. Mhux mehtieg b'dan l-artikolu li kumpanija fi stadju ta' stralc titlob il-permess tal-Qorti biex hi tniedi proceduri biex tirkupra hlasijiet dovuti lilha. L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi hu biex jigi mizmum l-i*status quo* tal-kredituri tal-kumpanija li tkun fi stralc u biex ebda kreditur ma jipprova jiehu xi vantagg specjali billi jipprocedi unilateralment kontra kumpanija fi stat ta' stralc ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu (u l-

eventwali registrazzjoni ta' privilegg gudizzjarju kontra l-kumpanija) bi hsara tal-kredituri l-ohra. Darba li socjeta` titqieghed fi stadju ta' stralc u jinhatar amministratur provvizorju biex jirregola t-tmexxija tal-kumpanija, hu logiku li ebda atti gudizzjarji m'ghandhom jigu pprezentati kontra dik is-socjeta` jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti li tkun qed tissorvelja l-process tal-istralc. Dan hu l-iskop ta' dan l-Artikolu, u ma jistax jigi interpretat b'mod li l-imsemmija awtorizzazzjoni hi mehtiega anke biex socjeta` fi stadju ta' stralc titlob hi hlas ta' dak dovut lilha.

Ghar-rigward ir-rwol ta' amministratur provvizorju, tajjeb li jinghad, qabel xejn, li l-appellanti ma kienux eccepew illi l-kumpanija attrici riedet il-*fiat* tal-amministratur biex tibda l-kawza, izda biss li riedet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 224(2). Gia` intwera li dan l-artikolu ma japplikax ghal kazijiet mibdija minn kumpanija fi stadju ta' stralc.

F'kull kaz, rigward ir-rwol tal-amministratur provvizorju, jista' jinghad li l-ligi ma tiddefiniehx u thalli f'idejn il-Qorti li tahtru biex tara x'tip ta' poteri ghandu jinghata. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **HSBC Bank Malta Plc v. Sovereign Hotels Ltd et.**, deciza fis-7 ta' Dicembru, 2009, il-ligi thalli l-hatra tal-amministratur fid-diskrizzjoni tal-Qorti u tista' tghaddi biex taghmel il-hatra hi "ex officio" jekk ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jirrikjedu anke jekk ma jkollhiex talba specifika. Il-poteri tieghu wkoll jiddependu mid-diskrezzjoni tal-Qorti, u kollox jiddependi fuq il-forma u l-mod ta' kontroll li l-Qorti tkun trid tezercita fuq il-kumpanija. Jekk il-Qorti, bhal ma jidher lil gara f'dan il-kaz, ma tispecifikax il-poteri tal-amministratur provvizorju, allura r-rwol tieghu jkun ta' semplici amministratur b'funzjoni li jiehu hsieb id-*day to day administration* tal-kumpanija.

Dan ma jfissirx li l-amministratur jissostitwixxi lid-diretturi, ghax dawn, salv kull ordni tal-Qorti, jibqghu jmexxu l-kumpanija. Persuna, per ezempju, li tahtar persuna ohra bhala l-amministratur jew mandatarju taghha ma titlifx il-jedd li tezercita hi wkoll id-drittijiet inerenti fil-persuna taghha. F'kaz ta' amministratur mahtur mill-Qorti taht il-

ligi tal-kumpaniji, dan ikollu d-doveri jissorvelja il-finanzi u l-kontabilita` tal-kumpanija u ghal dik li hi amministrazzjoni ordinarja jagixxi ghan-nom tal-istess kumpaniija, pero`, ma jiehux fuq spallejh il-funzjonijiet tad-diretturi, salv u sa fejn tista' tordna l-Qorti fil-hatra tieghu jew matul l-amministrazzjoni. Id-diretturi, ghalhekk, jibqghu jezercitaw il-funzjonijiet taghhom, u sta ghall-amministratur provvizorju, jekk jara li dawn qed jagixxu bi pregudizzju ghall-kumpanija, li jitlob mill-Qorti direttivi u, skond il-bzonn tkabbir tal-poteri tieghu u tnaqqis tal-poteri tad-diretturi. Kwindi ma jistax jinghad li, b'mod generali, l-amministratur provvizorju effettivament jassumi l-obbligi u l-poteri tad-diretturi tas-socjeta`, ghax kollox jiddependi mill-poteri u l-limitazzjoni ghall-istess moghtija lilu mill-Qorti.

Kwindi kumpanija fi stat ta' stralc, li tibqa' zzomm il-personalita` guridika taghha, tibqa' tiffunzjona bid-dirigenti taghha, u hu obbligu tal-amministratur li jezercita l-kontrolli necessarji u, jekk ihoss il-bzonn, jitlob direttivi mill-Qorti li tkun hatritu – u dan dejjem salv dak li tipprovdi l-Qorti dwar l-ezercizzju tal-poteri tal-istess dirigenti.

Is-socjeta` attrici, allura ma kien jehtiegilha titlob ebda permess tal-Qorti biex tagixxi halli tirkupra l-krediti taghha, u hu mholli f'idejn l-amministratur li, fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, jara li d-diretturi ma jagixxux kontra l-interessi tal-kumpanija u tal-kredituri tal-istess. Sakemm il-Qorti ma tillimitax il-poteri tad-dirigenti u salv il-funzjoni ta' kontroll u supervizjoni tal-amministratur provvizorju, huma jistghu jezercitaw id-dmirijiet legali taghhom. Il-kumpanija fi stat ta' stralc tista', ghalhekk tagixxi taht it-tmexxija tad-dirigenti taghha biex tigbor il-krediti taghha, u dan sakemm ma jkunx hemm l-intervent mill-Qorti li taht il-gurisdizzjoni taghha jkun qed isir l-istralc.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-tlett appelli interposti minn Natalie Sammut, Jason Sammut u Flower Power (Sales) Ltd. billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza marbuta ma’ dan l-incident in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma’ din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenuti appellanti, fis-sens li kull appellant ghandu jhallas l-ispejjez kollha marbuta mal-appell tieghu.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------